SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tmienja u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2011 fit-8:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

3.0 **Korrispondenza**

4.1 Ġiet trattata l-ittra mingĦand il-MEPA rigward il-proġett tal-pjazza fejn tindika li l-proġett qiegħed rakkommandat biex jiġi approvat nhar l-24 ta' Frar quddiem il-Bord.

4.2 Ġiet trattata ittra mingħand id-Dipartiment tal-Pulizija rigward "Better Policing Community. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu laqgħa mal-Assistant Kummissarju.

4.3 Is-Sindku rrefera għall-proġett taħt Italia-Malta, dak ta' PANACEA li jidher li ser jiġi approvat. Huwa rrefera għal-laqgħa li kellu flimkien mas-Segretarja mal-PPCD fejn iddeskrivew il-proġett u x-xogħolijiet marbuta miegħu. Is-Sindku spjega kif f'dan il-proġett hemm inkluz ix-xiri ta' post ċentrali f'San Lawrenz biex iservi ta' ċentru nformattiv għall-bajja tad-Dwejra. Hemm ammont sostanzjali ta' flus, bejn wieħed u ieħor madwar €100,000 għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntatja lill-Gvern Ċentrali u jinfurmah b'din l-opportunita' biex nitolbuh jgħinna fix-xiri ta' post li jista jservi bħala dan iċ-Ċentru kif ukoll bħala uffiċini amministrattivi tal-Kunsill. Il-Kunsill identifika xi postijiet centrali fil-lokal u sar qbil li għandna nagħmlu xi kalkoli biex naraw liema post huwa l-aktar addattat u vijabli. Il-Kunsill qabel li ma għandu jieħu l-ebda deċizjoni qabel ma jkollu l-konferma finali tal-proġett.

## 5.0 Evalwazzjoni tal-Offerti marbuta mal-Proġett taħt Miżura 323

5.1 Il-Kunsill għadda għall-evalwazzjoni tal-offerti inkonnessjoni mal-proġetti 323. L-ewwel offerta kienet dik tal-Project Administrator. Għal din l-offerta ntefgħu żewġ offerti, mingħad is-Sinjura Michelle Vella u mingħand is-Sur Cyrus Engerer għal prezzijiet ta' €18.75 + VAT u €20 + VAT rispettivament. Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-orħos offerta u wkoll għax is-Sinjura Vella għandha esperjenzi ta' proġetti konnessi mal-kommunita' ta' San Lawrenz.

5.2 Il-Kunsill imbagħad għadda għat-tieni offerta dwar Studju marbut mal-proġett 323, dak ta' Studju dwar l-Pjazza u l-Isqaqien. Għal din l-offerta ntefgħet offerta waħda biss mingħand IPS Malta għal prezz ta' €39,000 + VAT. Il-Kunsill qabel

unanimament li jagħżel din l-offerta peress li tikkwalifika għall-kriterji mitluba u wkoll għax il-Kunsill ħadem tajjeb ħafna ma' din il-kumpanija fuq xogħolijiet oħra qabel u għandu esperjenza tajba ħafna ta' din il-kumpanija.

**6.0 Evalwazzjoni tal-offerta tal-proposta ta' ekukazzjoni ekoloġika**

6.1 Il-Kunsill analizza l-offerti kollha mitfugħa għal-proġett eco u ra li jaqbżu l-ammont mistenni. Għħalhekk il-Kunsill iddeċieda unanimament li jwaqqa' din l-l-offerta speċjalment fid-dawl li eżercizzju simili ser jiġi mwettaq mill-Ministeru għal Għawdex taħt il-viżżjoni Eko-Għawdex.

**7.0 San Lawrenz magħżul bħala test city mill-RFSC tal-Unjoni Ewropea**

7.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li qed joqrob iż-żmien biex is-Sindku flimkien ma' Chris Falzon imorru għal-launching tat-Test City RFSC, bejn il-15 u s-16 ta' Marzu. Is-Sindku semma' li s-Sur Falzon mhux dispost u propona li minfloku tmur rapprezentant oħra tal-kumnpanija tiegħu li kienet strumentali ħafna fit-twettiq tar-rapport, is-Sinjura Krista Farrugia. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Inġibdet l-attenzjoni li l-ispejjes kollha tal-ivjaġġar u akkomodazzjoni tas-Sindku ser jiġu mħallsa mill-Unjoni Ewropea filwaqt dawk tat-tieni persuna għandhom jiġu mħallsa mil-Kunsill.

**8.0 Attivita' għall-Karnival**

8.1 Bħala attivita' tal-Karnival il-Kunsill qabel li għandu jagħmel il-kompetizzjonijiet tas-soltu filwaqt li tinġieb xi kumpanija waħda taż-żfin. Sar qbil ukoll li fil-programm għandu jinkludi ż-żifna preparata mill-adoloxxenti lawrenzjani li ħadu sehem fis-Summer Club.

## 9.0 Korsijiet edukattivi u inizjattiva Creative Economy

9.1 Ġew diskussi numru ta' attivitajiet li tagħhom jistgħu jiġu organizzati numru ta' korsijiet edukattivi għax-xhur tas-sajf.

9.2 Il-Kunsill qabel li għandu jsir kors tad-drama, tal-aerobics, reading sessions, u ieħor ta' mosaic. Is-Sindku rrefera għall-proposta li għandu għal kors ekoloġiku u kreattivita' li għalih ġie mitlub €500. Is-Sindku semma' li dan il-kors kreattiv ta' mosajk jista joħloq sors ta' ekonomija għan-nisa tad-dar għax b'hekk ikunu jistgħu jbiegħu l-prodott tagħhom anke f'attivitajiet organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għal dan il-kors jitlob l-ispiża ta' €30 jew €35. Il-Kunsill qabel li għalissa għandna noħorgu sejħa u wara nipprocedu skond ir-rispons li jkollna.

## 10.0 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2011 u l-laqgħa tal-Lokalita'

10.1 Is-Segretarja preżentat l-estimi finanzjarji għas-sena 2011. Il-kunsilliera qablu mal-kontenut u sar qbil li dawn l-estimi għandhom jiġu diskussi waqt il-laqgħa tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-lokalita' għandha tiġi organizzata nhar il-Ġimgħa 25 ta' Frar 2011 fil-5 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru tal-Komunita'. Sar qbil li avviż ta' din il-laqgħa għandu jidher fil-gazetta tal-gvern u f'avviż li jintbgħat f'kull dar.

## 11.0 Materji oħra

11.1 Sar qbil li meta l-Kunsill ikun ser jiltaqa' mal-Birdlife, il-kunsilliera għandhom ikunu nfurmati.

11.2 Is-Segretarja tablet sabiex jinxtraw żewġ shelving units ghal Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

Noel Formosa

Sindku

Lucienne Haber

Segretarju Eżekuttiv

**Stima tad-Dhul u l-Infieq**
**Ghas-Sena Finanzjarja 2010**

| | | |
|---|---|---|
| | **DHUL** | **Euros** |
| | **Dhul minghand il-Gvern Centrali** | 141,622 |
| | **Interessi Bankarji** | 400 |
| | **Sponsorship mill-MEPA ghall-progett tal-pjazza** | 23,294 |
| | **Fondi that l-Urban Improvement Fund** | 1887 |
| | **Fees collected from Tender Documents and permits** | 700 |
| | **Dhul minn sponsors u dhul iehor** | 800 |
| | **Dhul mill-kontijiet tal-Maltapost** | 500 |
| | **Dhul mis-servizz tac-Child Care Centre** | 6000 |
| | **TOTAL** | **175,203** |
| | | |
| 1000 | Salarji: | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 7964 |
| 1200 | Pagi tal-Impjegati | 40741 |
| 1300 | Bonus | 473 |
| 1400 | Dhul Supplimentari (Marzu/Sett) | 424 |
| 1500 | Kontiuzzjoni tas-Sigurta Socjali | 3117 |
| 1600 | Performance Bonus (Allowances) | 3068 |
| | ***Total*** | **55,787** |
| | | |
| 2100 | **Konsum tal-bzonn (dawl, ilma, telefon, fax ecc)** | |
| | Kera tal-fax u telephon | 500 |
| | Kera tal-Mitts | 2096 |
| | Kera ta' apparat (Ez. PA system ecc) | 250 |
| | Konsum tat-telefon | *1500* |
| | ***Total*** | ***4346*** |
| | | |
| 2200 | **Xiri ta' materjal u Fornimenti** | |
| | Cleaning materials and supplies | 150 |
| | Operating materials and Supplies | 350 |
| | Sundry Material and supplies | 250 |
| | ***Total*** | ***750*** |
| | | |
| 2300 | **Xogholijiet u Manutenzjoni** | |
| | Patching and Street Pavements | 2000 |
| | Walkways | 1000 |
| | Road Signs | 1200 |
| | Road Markings | 250 |
| | Office Furniture and Equipment | 200 |
| | Council Property | 200 |
| | ***Total*** | **4850** |
| | | |
| 2400 | **Rent** | **116** |
| | | |
| 2500 | **National/International Memberships** | |

| | | |
|---|---|---|
| | Participation Fees in National Meetings | 150 |
| | ***Total*** | ***150*** |
| | | |
| 2600 | **Office Services** | |
| | Printing | 400 |
| | Stationary | 1200 |
| | Postage | 350 |
| | ***Total*** | **1950** |
| | | |
| 2700 | **Trasport** | |
| | Kera tat-Trasport | 1000 |
| | Transportation of Goods | 300 |
| | Trasport lejn Malta | 200 |
| | Fuel | 700 |
| | ***Total*** | ***2200*** |
| | | |
| 2900 | **Taghrif lill-Pubbliku** | |
| | Advertising | 300 |
| | Library Service | 500 |
| | ***Total*** | ***800*** |
| | | |
| 3000 | **Spejjez ta' Kuntratti** | |
| | Lease of Equipment | 1200 |
| | Insurance Coverage | 2000 |
| | Refuse Collection | 15000 |
| | Bulky Refuse | 140 |
| | Public Convenience | 4192 |
| | Open Skips | 1430 |
| | Street Lightning | 2000 |
| | Child Care Assistance | 10400 |
| | Tindif tal-Ufficju tal-Kunsill | 300 |
| | ***Total*** | **36,662** |
| | | |
| 3100 | **Servizz Professjonali** | |
| | Architectual Services | 20,000 |
| | Legal Services | 1000 |
| | Religious Services | 100 |
| | Accountancy Services | 800 |
| | ***Total*** | **21,900** |
| | | |
| 3200 | **Tahrig** | |
| | Tahrig lill-impjegati | 200 |
| | ***Total*** | **200** |
| | | |
| 3300 | **Ospitalita u Servizzi lill-Kommunita** | |
| | | |
| | Conference Expenses | 1200 |
| | Social Event | 2000 |

| | | |
|---|---|---|
| | Cultural Events | 2800 |
| | Donations | 400 |
| | ***Total*** | **6400** |
| | | |
| 7000 | **CAPITAL EXPENDITURE** | |
| | | |
| | Parti mill-Progett tal-Pjazza | 25,000 |
| | Tkomplija ta' Triq il-Wileg | 14,000 |
| | ***Total*** | **39,000** |
| | | |
| | | |
| | | |

| | |
|---|---|
| DHUL TOTALI | € 175,203 |
| INFIEQ TOTALI | €175,111 |
| **BILANC** | **€ 92** |